On Saturday, 28th September, 2024, from 3.00 p.m. till midnight, through Triq Santa Katarina and entrance limits of Rabat;

On Sunday, 29th September, 2024, from 3.00 p.m. till 11.00 p.m., through Triq Santa Katarina and entrance limits of Rabat.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

30th August, 2024

POLICE NOTICE

No. 204

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Friday, 6th September, 2024, from noon till 10.00 p.m., through Central Bank parking areas;

On Friday, 20th September, 2024, from 6.00 a.m. till 11.00 p.m., through Triq id-Dejqa between Triq Melita and Triq San Ġwann.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Closure of streets will be done as required.

Il-Ħamrun

Nhar is-Sibt, 19 ta' Ottubru, 2024, mis-6.00 a.m., tal-Ħadd, 20 ta' Ottubru, 2024, sas-6.00 a.m., Triq il-Kbira San Ġużepp se tingħalaq għat-traffiku;

Nhar is-Sibt, 19 ta' Ottubru, 2024, mis-6.00 a.m., sal-Ħadd, 20 ta' Ottubru, 2024, sas-6.00 a.m., hemm bżonn clearance. Tneħħija tal-karozzi fi Triq Cordina Perez, Triq il-Ferrovija u Triq il-Kbira San Ġużepp – minn Triq San Tumas sa Triq Santa Marija fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

Devjazzjonijiet tat-trasport pubbliku:

Mill-Belt Valletta direzzjoni Ħamrun – traffiku jiġi ddevjat għal Triq Schembri jew Triq Diċembru Tlettax;

Minn Ħal Qormi/Marsa Park anf Ride – traffiku jiġi ddevjat għal Triq Diċembru Tlettax;

Mir-Rabat/Birkirkara – trasport pubbliku jiġi ddevjat għal Triq Psaila jew Triq Annuzjata.

Għeluq u clerarance ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 105 tal-2024

Tqegħid ta' Mażri u Special Marker Buoys 'il barra miċ-Ċirkewwa

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-operaturi tal-bastimenti, li se jitqiegħdu yellow marker buoys iteptpu (1 kull 5 sekondi) u mażri fiċ-Ċirkewwa bejn Ras il-Qammieħ u l-Ponta taċ-Ċirkewwa.

Din l-operazzjoni se ssir fi kwalunkwe ġurnata bejn it-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024 u t-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2024.

Il-marker buoys u l-mażri għandhom jitqiegħdu fil-pożizzjonijiet li ġejjin kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

	Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
B	35° 58'.236	014° 18'.881
C	35° 58'.343	014° 18'.474

Ħamrun

On Saturday, 19th October, 2024, from 6.00 a.m., till Sunday, 20th October, 2024, till 6.00 a.m., Triq il-Kbira San Ġużepp will be closed for traffic;

On Saturday, 19th October, 2024, from 6.00 a.m., till Sunday, 20th October, 2024, till 6.00 a.m., clearance is needed. Removal of vehicles in Triq Cordina Perez, Triq il-Ferrovija and Triq il-Kbira San Ġużepp – from Triq San Tumas till Triq Santa Marija on both sides of the street.

Public transport deviations:

From Valletta direction Ħamrun – traffic will be diverted to Triq Schembri or Triq Diċembru Tlettax,

From Ħal Qormi/Marsa Park and Ride – traffic will be diverted to Triq Diċembru Tlettax,

From Rabat/Birkirkara – public transport will be diverted to Triq Psaila or Triq Annuzjata.

Closure and clearance of streets and public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 105 of 2024

Laying of Sinkers and Special Marker Buoys off Ċirkewwa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and operators of vessels, that yellow marker buoys with flashing light (1 every 5 seconds) and sinkers will be laid at Ġirkewwa between Ras il-Qammieħ and Il-Ponta taċ-Ċirkewwa.

The laying operation will take place on any days between Monday, 2nd September, 2024 and Monday, 9th September, 2024.

The marker buoys and sinkers will be laid in the following positions as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
B	35° 58'.236	014° 18'.881
C	35° 58'.343	014° 18'.474

D	35° 58'.587	014° 18'.658
E	35° 58'.769	014° 18'.795
F	35° 59'.052	014° 19'.009

Din l-operazzjoni se ssir bl-użu ta' krejn mgħobbi fuq bastiment. L-operazzjoni se tkun assistita wkoll minn għaddasa, li se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A', waqt li tkun qed issir l-operazzjoni.

Il-bastiment li se jwettaq din l-operazzjoni se jkun ristrett fil-manuvrabbiltà.

Żona ta' sigurtà ta' 200m mill-punti mogħtija għandha tinżamm libera waqt li jkunu qed jitqiegħdu l-marker buoys u l-mażri.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa u jżommu 'l bogħod meta jkunu fil-viċinanzi, u għandhom ukoll jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Huma għandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 211

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

It-30 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 106 tal-2024

Wirjiet tan-Nar fil-Port il-Kbir – Festa tal-Isla – 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar minn żewġ braken, irmiġġati mill-inqas 200m 'il barra mill-Ponta ta' Bighi, iċċentrati fil-pożizzjonijiet P u Y, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
P	35° 53'.669	014° 31'.200
Y	35° 53'.629	014° 31'.255

In-nar se jinħaraq fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar l-Erbgħa, 4 ta' Settembru, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.20 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., u mid-8.45 p.m. sad- 9.15 p.m.;

Nhar il-Ħamis, 5 ta' Settembru, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.20 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., u mit-8.30 p.m. sad- 9.00 p.m.;

D	35° 58'.587	014° 18'.658
E	35° 58'.769	014° 18'.795
F	35° 59'.052	014° 19'.009

The laying operation will be carried out with the use of crane loaded on a vessel. The operation will also be assisted by divers, who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', while the operation is being carried out.

The vessel carrying out the operation will be restricted in manoeuvrability.

A safety zone of 200m from the given points is to be kept clear while the laying operation is being carried out.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity, and are to cooperate with the contractor on site.

They are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 211

Positions referred to WGS 84 DATUM

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 106 of 2024

Firework Displays in Grand Harbour – Senglea Feast – 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays will be let off from 2 barges, moored at least 200m off Il-Ponta ta' Bighi, centered on positions P and Y, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
P	35° 53'.669	014° 31'.200
Y	35° 53'.629	014° 31'.255

The firework displays will be let off on the following dates and times:

On Wednesday, 4th September, 2024, from 8.00 a.m. till 8.20 a.m., from noon till 12.20 p.m., and from 8.45 p.m. till 9.15 p.m.;

On Thursday, 5th September, 2024, from 8.00 a.m. till 8.20 a.m., from noon till 12.20 p.m., and from 8.30 p.m. till 9.00 p.m.;

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.20 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., u mill-9.45 p.m. sal- 10.30 p.m.;

Nhar is-Sibt, 7 ta' Settembru, 2024, mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., u mill-9.45 p.m. sal-11.30 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Settembru, 2024 mit-8.00 a.m. sat-8.20 a.m., mill-10.45 a.m. sal-11.15 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m. u mis-7.00 p.m. sad-9.30 p.m.

Nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024, il-braken se jiġu mċaqalqa mit-tarzna rispettiva tagħhom għall-pożizzjonijiet P u Y minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar. Il-braken se jitħallew fil-pożizzjoni matul il-lejl u se jkollhom id-dwal fuqhom.

Il-logħob tan-nar jitgħabba fuq barkun fit-Toqba tal-Birgu biex imbagħad jitgħabba fuq iż-żewġ braken nhar it-Tlieta, 3, l-Erbgħa, 4, il-Ġimgħa, 6, u l-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2024, iċ-ċaqliq tal-logħob tan-nar isir f'bejn wieħed u ieħor is-6.00 a.m. jew is-6.30 a.m.

Il-braken se jitneħħew mill-pożizzjoni rmiġġata nhar it-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2024.

Jekk minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp il-logħob tan-nar ma jkunx jista' jinħaraq nhar il-Ħadd, 8 ta' Settembru, 2024, isir tentattiv ieħor biex dan jinħaraq nhar it-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2024, u għalhekk il-braken jitneħħew minn posthom it-Tlieta, 10 ta' Settembru, 2024.

F'dawn il-jiem jintalab spazju wiesa' ta' 200 metru mill-braken peress li l-braken se jkunu mgħobbija bil-logħob tan-nar.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk dak il-bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanzi. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi. Istruzzjonijiet u direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kull persunal tal-infurzar għandhom jiġu mħarsa.

Chart affettwati: BA 177

It-30 ta' Awwissu, 2024

On Friday, 6th September, 2024, from 8.00 a.m. till 8.20 a.m., from noon till 12.20 p.m., and from 9.45 p.m. till 10.30 p.m.;

On Saturday, 7th September, 2024, from 8.30 a.m. till 9.30 a.m., from noon till 12.20 p.m., from 6.00 p.m. till 7.00 p.m., and from 9.45 p.m. till 11.30 p.m.;

On Sunday, 8th September, 2024, from 8.00 a.m. till 8.20 a.m., from 10.45 a.m. till 11.15 a.m., from noon till 12.20 p.m., and from 7.00 p.m. till 9.30 p.m.;

On Monday, 2nd September, 2024, barges will be shifted from their respective shipyard to positions P and Y from where the fireworks will be let off. The barges will be left in position during the night and therefore they will have lights on them.

The fireworks will be loaded onto a barge at It-Toqba tal-Birgu and shifted to be loaded on the 2 barges on Tuesday, 3rd, Wednesday, 4th, Friday, 6th, and Sunday, 7th September, 2024, the shifting of the fireworks will take place at about 6.00 a.m. or 6.30 a.m.

The barges will them be removed from the moored position on Monday, 9th September, 2024.

If due to weather conditions the fireworks cannot be let off on Sunday, 8th September, 2024, another attempt will be made on Monday, 9th September, 2024 instead and therefore the barges will be removed from their location on Tuesday, 10th September, 2024.

A wide berth of 200 meters is requested from the barges on these days as the barges will be loaded with fireworks.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to navigate with caution and at slow speed when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers. Instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement personnel are to be complied with.

Chart affected: BA 177

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 107 tal-2024

Tindif ta' qiegħ il-baħar fil-Fossa fil-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir tindif ta' qiegħ il-baħar minn għaddasa fil-Fossa fil-Port ta' Marsamxett, fiż-żona murija bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

It-tindif se jsir nhar is-Sibt, 7 ta' Settembru, 2024, mit-8.00 a.m. sat-2.00 p.m.

L-għaddasa se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela kbira u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanzi, fid-data u l-ħin stipulati.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u jħarsu kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kull persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

It-30 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 108 tal-2024

Wirja tan-Nar (Chinese Cakes) minn fuq ix-xatt f'Manoel Island – 8 ta' Settembru, 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir spettaklu tan-nar (Chinese Cakes) minn fuq ix-xatt f'Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema nhar il-Ħadd, 8 ta' Settembru, 2024, li jibda fid-9.30 p.m. għal mhux aktar minn 10 minuti. Il-wiri se jkun iċċentrat fil-Punt A (kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.316	014° 30'.266

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60m 'l bogħod minn punt A, fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 107 of 2024

Seabed clean-up at Il-Fossa in Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a seabed clean-up operation by divers at Il-Fossa in Marsamxett Harbour, within the area shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The clean-up will be held on Saturday, 7th September, 2024, from 8.00 a.m. till 2.00 p.m.

The divers will be exhibiting the international code of Signals Flag 'A'.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed when in the vicinity, on the stipulated date and time.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 211

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 108 of 2024

Fireworks Display (Chinese Cakes) from the foreshore at Manoel Island – 8th September, 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Chinese Cakes fireworks display will be held from the foreshore at Manoel Island in Id-Daħla ta' Tas-Sliema on Sunday, 8th September, 2024, starting at 9.30 p.m. for not more than 10 minutes. The display will be centred at Point A (as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.316	014° 30'.266

In view of the above, mariners are advised to keep 60m away from point A, on the abovementioned date and time.

Kwalunkwe dgħajsa rmiġġata fiż-żona murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandha titneħħa matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 60m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-30 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 109 tal-2024

Xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-moll u t-tarf tal-breakwater f'San Ġorġ, Birżebbuġa

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-tarf tal-moll u l-breakwater f'San Ġorġ, Birżebbuġa.

Ix-xogħol se jikkonsisti f'tiswija fit-tarf tal-moll u fuq iż-żewġ naħat tal-breakwater bejn il-punti A u B, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Ix-xogħlijiet se jibdew nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024, u mistennija jitlestew sal-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024.

Uħud mix-xogħlijiet ikunu jeħtieġu s-servizzi ta' għaddasa li se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'.

Għalhekk se tkun meħtieġa spazju ta' 5m mill-moll u l-breakwater li għandu tinżamm liberu waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet fiż-żona partikolari.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, u jinnavigaw b'kawtela qrib iż-żona tax-xogħol. Huma għandhom iżommu 'l bogħod miż-żoni indikati. Il-baħħara għandhom jikkoperaw mar-rekwiżiti tal-kuntratturi u jħarsu kull struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 14 minn Marsaxlokk VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 36

It-30 ta' Awwissu, 2024

Any boats berthed within the area shown on the attached chart are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 60m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Personnel on site.

Chart affected: BA 177

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 109 of 2024

Maintenance works of quay and breakwater edge at San Ġorġ, Birżebbuġa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that maintenance works will be carried out on the edge of the quay and the breakwater at San Ġorġ, Birżebbuġa.

The work will consist of repair works on the quay edge and along both sides of the breakwater between points A to B, as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The works will commence on Monday, 2nd September, 2024, and are expected to be completed by Thursday, 31st October, 2024.

Some of the works will require the services of divers who will be exhibiting the International Code of Signals Flag 'A'.

A working area of 5m from the quay and breakwater will therefore be required and is to be kept clear while works are being carried out in the particular area.

All mariners are advised, to keep a sharp lookout, navigate with caution when close to the working area. They are to give the indicated areas a wide berth. Mariners are to cooperate with the requirements of the contractors and to comply with any instructions issued on VHF Channel 14 by Marsaxlokk VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 36

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 110 tal-2024

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 79 tal-2024 dwar tneħħija u rikostruzzjoni ta' pont tat-triq fil-Fossa fil-Port ta' Marsamxett

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 79 tal-2024.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li t-tneħħija u l-bini mill-ġdid tal-pont tat-triq li jwassal għall-boat chamber fil-Fossa fil-Port ta' Marsamxett, mhux se jitlesta fiż-żmien kif ippjanat. Għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sal-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru, 2024.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 79 tal-2024 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 79 tal-2024 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

It-30 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 110 of 2024

Amendment to Local Notice to Mariners No. 79 of 2024 regarding removal and reconstruction of road bridge at Il-Fossa in Il-Port ta' Marsamxett

Reference is made to Local Notice to Mariners No 079 of 2024.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the removal and reconstruction of the road bridge leading to the boat chamber at Il-Fossa in Il-Port ta' Marsamxett, will not be completed within the time as planned. The completion date is therefore being extended until Friday, 11th October, 2024.

Local Notice to Mariners No. 79 of 2024 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 79 of 2024 will remain valid.

Chart affected: BA 177

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 111 tal-2024

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 8 tal-2024 rigward xogħlijiet b'rabta mal-breakwater il-ġdid ta' Buġibba – xogħlijiet ta' tħammil u kostruzzjoni – Frar, 2024

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 8 tal-2024.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li ż-żona tax-xogħol għal dan il-proġett ġiet estiża u issa hija ż-żona murija bil-maġenta fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 8 tal-2024 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 8 tal-2024 se tibqa' valida.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 111 of 2024

Amendment to Local Notice to Mariners No. 8 of 2024 regarding works in connection with the new Buġibba Breakwater – dredging and construction works – February, 2024

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 8 of 2024.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the working area for this project has been extended and is now the area shown in magenta on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Local Notice to Mariners No. 8 of 2024 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No 008 of 2024 will remain valid.

Chart affettwata: BA 211

It-30 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 112 tal-2024

Avveniment tal-għawm mill-Ponta taż-Żonqor sal-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala

Id-Direttorat tal-portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir avveniment tal-għawm li jibda mill-Ponta taż-Żonqor u jintemm fil-Bajja ta' San Tumas, nhar il-Ħamis, 29 ta' Awwissu, 2024.

Il-parteċipanti se jitilqu mill-Ponta taż-Żonqor, punt A, f'bejn wieħed u ieħor is-6.00 p.m., u mistennija jaslu fil-Bajja ta' San Tumas, punt E f'bejn wieħed u ieħor it-8.00 p.m. Huma se jkunu qed isegwu r-rotta tul il-punti A, B, C, D, u E, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Punt	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 52'.042	014° 34'.453
B	35° 51'.692	014° 34'.640
C	35° 51'.615	014° 34'.628
D	35° 50'.991	014° 34'.319
E	35° 51'.281	014° 33'.905

Bastiment ta' appoġġ se jkun qed isegwi lill-għawwiema tul l-għawma.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanzi, fid-data u l-ħin stipulati. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw l-ordnijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, mill-Valletta VTS u minn uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 36 u 2538

It-30 ta' Awwissu, 2024

Chart affected: BA 211

30th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 112 of 2024

Swimming event from Żonqor Point to St Thomas Bay, Marsaskala

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a swimming event starting from Zonqor Point and finishing in St Thomas Bay will be held on Thursday, 29th August, 2024.

The participants will depart from Zonqor Point, point A, at approximately 6.00 p.m. and are expected to arrive at St. Thomas Bay, point E at approximately 8.00 p.m. They will be following the route along the points A, B, C, D, and E, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 52'.042	014° 34'.453
B	35° 51'.692	014° 34'.640
C	35° 51'.615	014° 34'.628
D	35° 50'.991	014° 34'.319
E	35° 51'.281	014° 33'.905

A support vessel will be monitoring the swimmers throughout the swim.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity, on the stipulated date and time. They are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Charts affected: BA 36, 2538

30th August, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Assistant Manager (Project Management) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Project Management) fid-Direttorat għal-Lifelong Learning and Employability (DLE) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2. Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3. Is-salarju ta' Assistant Manager (Project Management), li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1(a) jew (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2024 huwa ta' €21,236.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €23,360.00.

2.4. Persuna fil-grad ta' Assistant Manager (Project Management) fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2024 hija ekwivalenti għal €22,642.98 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €24,894.00, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(b).

2.5. Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1(b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) fis-2024 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Assistant Manager (Project Management) in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsoly Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, invites applications for the post of Assistant Manager (Project Management) in the Directorate for Lifelong Learning and Employability (DLE) in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Terms and Conditions

2.1. This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2. During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3. The salary for the post of Assistant Manager (Project Management) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1(a) or (c) is Salary Scale 12, which in the year 2024 is equivalent to €21,236.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €23,360.00.

2.4. An Assistant Manager (Project Management) in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2024 is equivalent to €22,642.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €24,894.00, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1(b).

2.5. An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1(b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) in the year 2024 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6. Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għall-ħlas ta' allowance tal-klassi ta' €500, suġġett għal xogħol sodisfaċenti.

2.7. Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Project Management, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8. Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.9. Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.10. Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Project Management) fi ħdan id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà (DLE) jinkludu li:

i. Iwieġeb u jsegwi mistoqsijiet mill-pubbliku ġenerali, edukaturi u studenti fir-rigward tal-provvista tal-kors tat-Tagħlim għall-Adulti;

2.6. Appointees will also be entitled to the payment of an annual class allowance of €500, subject to satisfactory performance.

2.7. It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Project Management, in accordance with established vacancies.

2.8. The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.9. Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.10. In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Project Management) within the Directorate for Lifelong Learning and Employability (DLE) include:

i. Answers and follows up queries from the general public, educators and students with regards to the Adult Learning course provision;

ii. Jassisti fil-kumpilazzjoni tal-iskedi, il-prospett u materjal ieħor ta' tagħlim/amministrazzjoni, inkluż ċertifikati u ittri ta' attendenza, relatati mal-provvediment tal-kors tat-Tagħlim għall-Adulti;

iii. Iżomm kuntatt, joħroġ komunikazzjonijiet u jqassam informazzjoni mid-Direttorat lill-istaff, edukaturi u studenti;

iv. Ikollu għarfien sod u jħaddem is-sistema backend tal-IT għall-provvista tal-kors fit-Tagħlim għall-Adulti;

v. Jattendi laqgħat, jagħmel abbozz tal-aġenda u jieħu minuti relatati mal-amministrazzjoni tal-provvediment tal-kors tat-Tagħlim għall-Adulti;

vi. Jassisti lid-Dipartiment tas-Salarji fil-ġbir, ħdim u l-uploading tal-pagi ta' edukaturi u kordinaturi part-time;

vii. Jassisti lill-EO għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fi kwistjonijiet amministrattivi oħra li jistgħu jinqalgħu matul is-sena, inkluż l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' Żvilupp Professjonali għall-Edukaturi tal-Adulti, sessjonijiet ta' induzzjoni, tnedija ta' korsijiet u l-ġimgħa ta' tagħlim;

viii. Jattendi għal dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mid-Direttur għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà;

ix. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

x. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xi. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadin Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

ii. Assists with the compilation of timetables, the prospectus and other learning/administrative materials, including certificates and letters of attendance, related to the Adult Learning course provision;

iii. Maintains contact, issue communications and distribute information from the Directorate to staff, educators and learners;

iv. Have a sound knowledge and operate the IT backend system for the course provision in Adult Learning;

v. Attends meetings, draft agenda and take minutes related to the administration of the Adult Learning course provision;

vi. Assists the Salaries Department with collecting, computing and uploading wage returns of part-time educators and coordinators;

vii. Assists the EO for Lifelong Learning in other administrative matters that may arise during the year, including the organization of Professional Development sessions for Adult Educators, induction sessions, launch of courses and learning week;

viii. Attends to other duties that may be assigned by the Director for Research, Lifelong Learning and Employability;

ix. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

x. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizen in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadin ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irland ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

iii. a. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Psychology jew Social Policy jew Social Work jew Education jew Youth Studies jew Statistics jew Project Management jew Management Studies jew European Studie jew Business Administration jew Accountancy jew Creativity and Innovation jew Quality Assurance Management jew ikollhom kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 4 tal-MQF f'Accountancy jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom National and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the Unite Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Communit Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. a. in possession of a recognised qualification MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, equivalent*) in Psychology or Social Policy or Social Work or Education or Youth Studies or Statistics or Projec Management or Management Studies or European Studies or Business Administration or Accountancy or Creativity an Innovation or Quality Assurance Management or recognised comparable professional qualification at MQF Level 4 i Accountancy or in relevant areas as determined by management.

OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits,

ECVET jew ekwivalenti*) fil-Psychology jew Social Policy and Social Work jew Education jew Youth Studies jew Statistics jew Project Management jew Managment Studies jew European Studies jew Business Administration jew Accountancy jew Creativity and Innovation jew Quality Assurance Management jew ikollhom kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF f'Accountancy jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li għandhom jinkludu tnejn (2) minn dawn is-suġġetti: Ingliż jew Malti jew kwalunkwe lingwa oħra jew suġġett vokazzjonali jew suġġett tax-xjenza) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li jrid jinkludi wieħed (1) minn dawn is-suġġetti: Ingliż jew Malti jew kwalunkwe lingwa oħra jew suġġett vokazzjonali jew suġġett tax-xjenza).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonnoxxta fil-Livell 4 tal-MQF (kwalifika jew żewġ suġġetti fil Livell Avvanzat flimkien ma' tliet suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola jew fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli), fl-oqsma indikati fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF f'oqsma relatati, daw l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2. (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu

equivalent*) in Psychology or Social Policy or Social Work or Education or Youth Studies or Statistics or Projec Management or Managment Studies or European Studies or Business Administration or Accountancy or Creativity an Innovation or Quality Assurance Management or recognised comparable professional qualification at MQF Level 5 i Accountancy or in relevant areas as determined by management.

OR

c. (i) In possession of two (2) subjects at Advanced level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (which must include two (2) of the following subjects: English or Maltese or any other language or vocationa subject or science subject) or a recognised pertinent comparable qualification.

OR

(ii) In possession of three (3) subjects at Advanced level (which must include one (1) of the following subjects: English or Maltese or any other language or vocational subject or science subject).

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to a MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4, (qualification or two subjects at Advanced Level and three subjects at Intermediate Matriculation level, or in possession of three (3) subjects at Advanced level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) or (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On attainment of a relevant MQF Level 5 in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the documen entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2. (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still

kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbl skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) sa 4.1 iii (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

